**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024**

**Talba Nru: 168/2022MD**

**Ray Cop Enterprises Limited (C 11503)**

**Vs**

**Holistic Technologies Ltd (C 16921) u**

**Smart Technologies Software Ltd (C 30601)**

**jew min minnhom**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-2 ta' Ġunju, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjetajiet konvenuti jirridonfu l-ammont ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappresentanti depositu mħallas mill-istess soċjeta' attriċi għal servizzi li kellhom jiġu reżi da parti tagħhom u li ġie dikjarat li ma kienux f'posizzjoni li jagħtu dak l-istess servizz li oriġinarjament ġie kkuntratt li jiġi mrendi; bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 2690/2021 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali ċitata sad-data tal-pagament effettiv.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess

Ra r-risposta waħdanija tas-soċjetajiet konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Ġunju, 2022[2] fejn eċċepew:

*1. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq il-mertu, huwa sottomess li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit, huwa sottomess li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu li s-soċjetajiet konvenuti naqsu milli jipprovdu servizzi li kkuntrattaw li jrendu;*

*3. Illi bla preġudizzju għas-sueċċepit jingħad illi kienet is-soċjeta' attriċi li għal snin sħaħ naqset milli tipprovdi informazzjoni mitluba minnha fl-2015!*

*4. Illi għalhekk, l-ebda ammont ma għandu jiġi rifuż lis-soċjeta' attriċi.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li ġew esebieti in atti.

Sema s-sottomissjonijiet tal-partijiet limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari u ċioe' li l-azzjoni hija preskritta.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza in parte fuq l-eċċezzjoni preliminari.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob li s-soċjetajiet konvenuti jirrifondu lura s-somma ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappresentanti depositu mħallas mill-istess soċjeta' attriċi għal servizzi li kellhom jiġu reżi da parti tagħhom u li ġie dikjarat li ma kienux f'posizzjoni li jagħtu dak l-istess servizz li oriġinarjament ġie kkuntratt li jiġi mrendi. Is-soċjetajiet konvenuti permezz ta' risposta waħdanija eċċepew prelimarjament, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet dwar il-mertu, li l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma preskritti *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta' **Evan Camilleri**[3] fil-kariga ta' Direttur tas-soċjetajiet Technologies Software Limited u Holisitic Technologies Limited, fejn qal li s-servizzi li s-soċjeta' attriċi qed tallega li

[2] *A fol* 4 *et seq* tal-proċess
[3] *A fol* 13 *et seq* tal-proċess.

ma ġewx reżi mis-soċjetajiet konvenuti jmorru lura għas-sena 2015, filwaqt li kkonferma li s-soċjetajiet konvenuti ma humiex debituri tas-soċjeta' attriċi.

Sema lil **Dario Chircop**[4] fil-kariga tiegħu ta' Managing Director tas-soċjeta' attriċi. Spjega li kien ġie f'kuntatt ma Holistic Technologies Limited, meta f'Settembru tas-sena 2015 ġie mitkellem minn ċertu Ramon Curmi sabiex jagħmlu *website* għas-soċjeta' attriċi. Curmi kien għamel *proposal*, min-naħa tas-soċjeta' attriċi ġiet aċċettata u ngħata id-depositu, u dan f'Ottubru tas-sena 2015, fejn ppreżenta l-*invoice* bin-numru 150506[5] fuq l-isem ta' Holistic Research and Development Limited bin-numru tal-VAT 16571125, fejn spjega wkoll li jidher li l-istess numru tal-VAT, issa tużah Smart Technlogies Limited. Is-soċjeta' attriċi kienet ħallset d-depositu ta' ħamsin fil-mija (50%) bil-quddiem li jammontaw għas-somma ta' elf, wieħed u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50), li tħallsu permezz ta' żewġ ċekkijiet, wieħed fl-ammont ta' mija u tmienja u ħamsin ewro (€185) datat 30 ta' Settembru, 2015 u l-ieħor fl-ammont ta' disa mija, sitt ewro u ħamsin ċenteżimu (€906.50) datat 2 ta' Diċembru, 2015[6]. Fir-rigward tax-xogħol spjega li min-naħa tas-soċjeta' attriċi kienu ħasbu li ser isir ħafna xogħol min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti, iżda kellha tagħmel ħafna xogħol hi. Spjega li s-soċjeta' attriċi damet biex ħadet ir-ritratti għaliex għandha iktar minn elfejn u ħames mitt prodott u beda jsir ix-xogħol bil-mod. Il-prodotti kienu jinbiegħu fis-*supermarkets*, bħal xemgħat, *aluminium*, prodotti tal-ikel, u biex jinġabru r-ritratti bdew idumu minħabba li kien hemm *set back* mhux fil-kontroll tas-soċjeta' attriċi. Bħala eżempju ta li kien *ranges* li nbiddlu mis-*suppliers* u għalhekk ir-ritratti ma baqgħux tajbin. Kien ukoll *set backs* min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti għax kienu inbidlu xi impjegati, COVID u għalhekk kien hemm id-dewmin. Qal li sa Settembru 2021, il-partijiet kienu għadhom għaddejjin bil-laqgħat. Meta kienu jiltaqgħu l-partijiet min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti kien jattendi d-Direttur Evan Camilleri filwaqt li min-naħa tas-soċjeta' attriċi kienet tattendi it-tifla tiegħu Lee Ann Chircop. Il-laqgħat kienu qed isiru sabiex issir *revamp* ta' affarijiet tekniċi, u fit-18 ta' Novembru, 2021 is-soċjeta attriċi kienet irċieviet *email* mingħand Evan Camilleri fejn ġiet informata li kellu inċident u ma setgħax ikompli, fejn hija staqsiet jekk hemmx xi ħadd ieħor minfloku, iżda baqgħu ma rċivew l-ebda risposta. Wara ammont ta' żmien Evan Camilleri bagħat *email* oħra fejn informa lis-soċjeta' attriċi li wara l-inċident ma kellux ċans u ma kienux ser ikomplu bil-proġett, fejn ippreżenta sett ta' *emails*.[7] Is-soċjeta' attriċi baqgħet tikkuntattjah sabiex jirrifondi lura l-flus imħallsin, iżda t-talba ġiet injorata u għalhekk ppreżentat ittra uffiċjali 166A fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti.

In kontro-eżami[8] kkonferma li r-relazzjoni tas-soċjeta' attriċi mas-soċjetajiet konvenuti bdiet bejn Settembru u Ottubru tas-sena 2015. Ikkonferma li kien hemm dewmin min-naħa tas-soċjeta' attriċi iżda kien hemm anke dewmien min-naħa tas-soċjetajiet konvenuti. Spjega li fis-sena 2018 kienu għaddejjin bil-proġett, fis-sena 2020 kien hemm il-COVID, fis-sena 2021 saret laqgħa biex jitkompla x-xogħol, imbagħad ġew informati li ma setgħux ikomplu bix-xogħlijiet. Fuq domanda jekk is-soċjeta' attriċi pprovdietx l-informazzjoni kollha matul dawn is-snin, spjega li meta ġew ikkuntattjati minn Holistic qalulhom li ser jagħmlu kollox huma, imbagħad spiċċaw kellha tagħmel kollox hi. Kien hemm *misunderstanding*. Is-soċjeta' attriċi

[4] *A fol* 17 *et seq* tal-proċess, xhieda datata fil-5 ta' Ottubru 2023
[5] A fol 29 tal-proċess
[6] A fol 30 et seq tal-proċess
[7] A fol 32 et seq tal-proċess
[8] A fol 49 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 14 ta' Marzu 2024

aċċettat li tagħmel kollox hi, imbagħad is-soċjetajiet konvenuti kellhom jibgħatu *template* biex is-soċjeta' attriċi ttella' r-ritratti imma riedet tagħmel kollox hi. F'Settembru tas-sena 2021 kienet saret laqgħa u fl-aħħar ta' Settembru, is-soċjetajiet konvenuti kienu ddeċiedew li jieqfu mix-xogħol. Is-soċjeta' attriċi pruvat tikkuntattjahom iżda ġew injorati u għalhekk qed jitolbu d-depositu li taw fis-sena 2015. Minn mindu waqaf ix-xogħol kull m'għaddew tlett xhur.

Sema lil **Lee Ann Chircop**[9] bħala impjegata li tagħmel xogħol klerikali u ta' *accounts* mas-soċjeta' attriċi. Spjegat li fir-rigward tal-kawża odjerna, hi kienet qed tkompli x-xogħol li kien għaddej li kien jikkonsisti *f'uploading* ta' informazzjoni u tiġbor ir-ritratti kollha, kif ukoll l-informazzjoni li kien hemm bżonn għal website, u kienet f'kuntatt mas-soċjetajiet konvenuti. Fil-bidu kienet qed tipprova titkellem ma impjegata li kienu jaħdmu magħha iżda ma baqgħetx taħdem hemm u għaddewha ma Evan Camilleri. Kien ikkuntattjaha f'nofs Awissu tas-sena 2021 u kien qalilha sabiex jagħmlu laqgħa imma iżjed tard minħabba li f'dawk iż-żminijiet ma jkunx ix-xogħol. Għal bidu ta' Settembru 2021 kienu għamlu l-laqgħa, tkellmu, deher interessat u qalilha li kienu ser jirranġaw, jagħmlu *template* mil-ġdid u jerġgħu ikelmuha lura. F'nofs Settembru bagħtet *email* tistaqsi fiex waslu u ma rrispondewhiex, u reġgħet bagħtet *email* oħra f'nofs Ottubru. Kien irrispondiha Evan Camilleri u qalilha li kellu inċident u ma kienx qiegħed l-uffiċju, fejn staqsietu jekk setgħetx tkellem lil xi ħadd ieħor iżda ma kienx irrispondiha. F'nofs Novembru kienet pruvat iċċempel, ma qabdha ħadd u marret l-uffiċju u l-iskrivana kienet qaltilha li Evan Camilleri ma kienx qiegħed hemm dak il-ħin u ħallietlu messaġġ biex jikkuntattjaha lura. Bagħtilha risposa permezz ta' *email* fejn qalilha li "*I acknowledge li inti gejt tarani l-uffiċju, bħalissa għandi ħafna back log ta' ħafna ħafna xogħol, u mhux ħa nkompli fuq dan il-proġett*".

Kompliet tispjega li x-xogħol fuq il-*website* sa fejn taf hija kienet li s-soċjeta' attriċi ttihom l-informazzjoni kollha u l-kumplament jieħdu ħsiebha huma u cioe' jagħmlu *filtering* tal-informazzjono, il-*layout* u jissetjaw kollox inkluż it-*template*. Pero' kif taf hi, dan ma kienx il-każ għaliex tawhom *template* u l-kumplament kien f'idejn is-soċjeta' attriċi. Il-persuna li kienet taħdem qabilha kienet ħadet ix-xogħol u hi kompliet fuq l-istess xogħol, ma tantx rat involviment min-naħa tagħhom għax fil-verita' disgħin fil-mija (90%) tax-xogħol kellu jsr min-naħa tas-soċjeta' attriċi. Meta s-soċjeta' attriċi staqsiet biex issir *update* tat-*template* qalulhom li ser jibgħatulhom kollox iżda ma semgħu xejn mingħandhom. Ikkonfermat li l-*emails* esebieti minn Dario Chircop bagħtithom hija.

In kontro-eżami, ikkonfermat li l-involviment tagħha beda għal-ħabta ta' Awissu 2021, iżda qabel kienu jikkuntattjaw lil Nicole Chircop.

**Konsiderazzjonijiet**

Is-soċjetajiet konvenuti eċċepew eċċezzjoni *in linea* preliminari tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta liema Artikolu iċċitat jipprovdi:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

[9] *A fol* 23 *et seq* tal-proċess, xhieda datata 5 ta' Ottubru, 2023

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **GO p.l.c. vs Dr. Joseph Pace LL.D**[10] fejn il-Qorti tal-Appell Ċivili fuq din il-materja rriteniet:

*Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti titratta l-eccezzjoni l-ohra sollevata ai termini tas-sub inciz (f) u cioe dik kwinkwennali. Minnufih jinghad li l-preskrizzjoni t'azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezeritata ( Art. 2137 tal-Kap 16).*

*L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** jghallmu li:-*

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere. . ." (Cfr. Trattato Teorico-Pratico di*

*Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.)*

*Izjed 'l quddiem iziedu jghidu illi:-*

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale" (Op. Cit. Par 393bis, pag 306).*

*Illi gie stabbilit ukoll li, ai fini tal-artikolu 2137, iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel (Ara P.A. 25.4.1964 fil- kawza fl-ismijiet Alfred Delia vs John Testaferrata Abela (Kollez. Vol: XLVIII.ii.959)*

*Illi marbut ma' dan il-principju hemm l-obbligu li l-Qorti dejjem u f'kull kaz trid tistharreg u tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri, u meta mill-provi ma tistax tasal biex tistabilixxi dik id-data, jkollha tichad l-eccezzjoni (App. Civ. **5.4.1993** fil-kawza fl-ismijiet **Quintano vs Calleja et**).*

*Illi t-tieni konsiderazzjoni hi li, minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha, tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva" (19 App.Civ. **11.5.1956** fil-kawza fl-ismijiet **Cali vs Galea** (Kollez. Vol: XL.i.166).*

[10] Appell Ċivili Numru 308/2008/1, deċiża nhar il-11 ta' Diċembru, 2009

*Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl- artikolu 2143 tal-Kodici Civili.*

*Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawzi fl-ismijiet* ***Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.*** *P.A. 9-Nov-2001, u* ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. vs Dismar Co. Ltd.*** *P.A. 12-Ott-2004, u* ***Baudry-Lacantinerie et Tissier*** *fit-trattato Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, "Della Prescrizione" Par. 712).*

*Rigward il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) jinghad li fil-kawza,* ***Giovanni Saliba et vs Angelo Grech*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sebgha (7) ta' Frar 1949, inghad li:*

*"....fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor...." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza." u f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal* ***Spiteri vs Petrococchino et*** *deciza mill-Qorti tal- Kummerc fid-disgha (9) ta' Jannar 1919.*

*Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni eiusdem generis.*

*Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola t'interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.*

*Fil-fatt, fil-kawza* ***Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino*** *deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid- dsatax (19) t'Ottubru 1954, inghad li:-*

*"....jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus...."*

*Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti; jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali.*

*Ta' l-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. PA** 12-Ott-2004).*

Illi fil-każ odjern, il-ħlas li qed jintalab huwa ħlas ta' flus u ta' natura funġibbli, u għaldaqstant taqa' taħt il-preskrizzjoni hawn fuq ċitata. It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta u tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd**[11] fejn il-Qorti qalet**:**

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"[12] (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridici li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Fil-każ **Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et**[13] il-Qorti rriteniet:

*"……kif intqal fil-kawża fl-ismijiet **Anna Vella vs Eric Darmanin** (deċiża millQorti Ċivili, Prim'Awla, mill-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Dicembru, 2012):*

*"Japplika wkoll il-prinċipju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali tkun neċessarjament tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994),*

[11] Rik Ġur 1051/2007; deċiża fit-28 ta' April, 2016
[12] Prim'Awla; deċiża fl-1 ta' April, 2003, fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud
[13] Ċit. Nru. 398/05; deċiża fit-8 ta' Ottubru, 2014

Fis-sentenza **Kuludrovic vs Muscat**[14], il-Qorti tal- Appell Kummerċjali, irriteniet:

> "***Bianco vs Demarco***", *deċiża fit-2 ta' Ġunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jiġri kif appuntu fil-każ preżenti, il-preskrizzjoni għar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza " Se lesercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);"*

Illi Evan Camilleri fil-kariga tiegħu ta' direttur tas-soċjetajiet konvenuti ddikara illi s-servizzi allegati mis-soċjeta' attriċi li ma ġewx reżi mis-soċjetajiet konvenuti jmorru lura għas-sena 2015 u kkonferma li s-soċjetajiet konvenuti ma humiex debituri tas-soċjeta' attriċi.

Dario Chircop fil-kariga tiegħu ta' Direttur tas-soċjeta' attriċi ddikjara li f'Settembru tas-sena 2015 kien inkariga lis-soċjetajiet konvenuti sabiex jagħmlu *website* għas-soċjeta' attriċi fejn ħallset l-ammont ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappresentanti depositu ta' nofs l-ammont bil-quddiem. Kien hemm diversi *setbacks* kemm min-naħa tagħha u kemm min-naħa l-oħra, iżda sa Settembru 2021 kienu għadhom għaddejjin bil-laqgħat, sakemm eventwalment f'Novembru tas-sena 2021, Evan Camilleri kien bagħat *email* jinforma li mhux ser ikompli l-proġett. Spjega li hu beda jitlob lis-soċjetajiet konvenuti sabiex jiġi rifuż l-ammont imħallas iżda qatt ma rċievha tweġiba u għalhekk ippreżenta ittra uffiċjali.

Lee Ann Chircop li kienet tagħmel xogħol klerikali u *accounting* mas-soċjeta' attriċi ddikjarat li hija kompliet fuq ix-xogħol ta' kollega tagħha u f'Settembru 2021 għamlet laqgħat ma Evan Camilleri fir-rigward tal-*website*, fejn kienu miftehmin. Bdiet tibgħat l-*emails* sabiex tara x-xogħol fejn wasal iżda f'Novembru 2021 irċiviet email mingħand Evan Camilleri fejn informaha li ma kienx ser ikompli fuq il-proġett.

Mill-atti jirriżulta li:

- Ma huwiex kontestat li f'Settembru tas-sena 2015, is-soċjeta' attriċi ġiet avviċinata biex is-soċjetajiet konvenuti jagħmlulha *website*, saret proposta, ġiet aċċettata u ngħata depożitu fis-somma ta' elf, wieħed u disgħin ewro u ħamsin ċenteżimu (€1,091.50) rappresentanti depositu ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-proġett premezz ta' żewġ ċekkijiet[15] lis-soċjeta' konvenuta Holistic Research and Development Limited skont il-fattura datata 6 ta' Ottubru, 2015[16];

[14] Deċiża fl-1 ta' Ġunju, 1959, per President Anthony Mamo
[15] A fol 30 et seq tal-proċess
[16] A fol 29 tal-proċess

- Sar skambu ta' *emails* fis-sena 2018 fir-rigward tal-proġett tal-*website* imsemmija;[17]

- Permezz ta' *email* datata 23 ta' Awissu 2018 intbagħtu l-*username* u l-*password* lis-soċjeta' attriċi għal *back end* tas-*site* imsemmija;[18]

- Fil-11 ta' Awissu 2021[19] rega sar skambu ta' *emails* fejn is-soċjeta' attriċi qalet li:

*with regards to the Raycop website, most of the images for the products list are completed. We would like to look at different website layouts. Is it possible if you could send me a few draft layouts for ecommerce companies or should I come by the office and we discuss further?*

- F'Settembru 2021 saret laqgħa bejn il-partijiet u dan skont *email* datata 17 ta' Settembru 2021 fejn Liane Chircop qalet:

...

*Since our discussion during the meeting held two weeks ago, i'm awaiting any news or feedback regarding the next step into modifying the Raycop website.*

- Fid-19 ta' Novembru 2021[20] is-soċjeta' attriċi ġiet informata minn Evan Camilleri li ma kienx ser ikompli bil-proġett:

*I was told that you called me in office. Sorry but I am still with a large backlog due to my accident.*

*At this stage we will not pursue to continue with this project.*

*Thanks for the opportunity.*

- Fl-14 ta' Diċembru 2021, is-soċjeta' attriċi ppreżentat ittra uffiċjali 166A bin-numru 2609/21, fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti.[21]

Illi għalhekk għalkemm id-depositu għax-xogħol tal-proġett mertu tal-kawża odjerna sar fis-sena 2015, mill-korrispondenza jirriżulta illi l-proġett kien għadu għaddej sakemm twaqqaf mid-direttur tas-soċjetajiet konvenuti fid-19 ta' Novembru 2021. Fl-14 ta' Diċembru, 2021, is-soċjeta' attriċi ppreżentat ittra uffiċjali fil-konfront tas-soċjetajiet konvenuti u l-kawża odjerna ġie intavolata fit-2 ta' Ġunju 2022 u għalhekk ġiet ippreżentata *entro* t-terminu.

[17] A fol 39 *et seq* tal-proċess
[18] A fol 38 tal-proċess
[19] A fol 35 tal-proċess
[20] A fol 32 *et seq* tal-proċess
[21] A fol 46 *et eq* tal-proċess

Għalhekk it-Tribunal qed jiċħad din l-eċċezzjoni preliminari.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-vertenza billi jiċħad l-eċċezzjoni preliminari, u cioe' li l-kawża hija preskritta u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din il-vertenza titħallas unikament mis-soċjetajiet konvenuti *in solidum*.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

**< Sentenza In Parte>**